DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 3/2008

ta' l-1 ta' Frar 2008

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/34/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2007 li temenda, għall-għanijiet ta' l-adattament tagħha għall-progress tekniku, id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE fir-rigward tal-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema ta' l-exhaust tal-vetturi bil-mutur ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/35/KE tat-18 ta' Ġunju 2007 li temenda, għall-għanijiet ta' l-adattament tagħha għall-progress tekniku, id-Direttiva tal-Kunsill 76/756/KEE rigward l-istallazzjoni ta' dawl u mezzi ta' senjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([3]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 706/2007 tal- 21 ta' Ġunju 2007 li jistipula, skond id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi, u test armonizzat li jkejjel it-telf minn ċerti sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja ([4]) għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/37/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 li temenda l-Annessi I u III tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur u t-trejler tagħhom ([5]), għandha tkun inkorporata fil-Ftiehim.

(6) Id-Direttiva 2007/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness II mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE):

"— **32007 L 0037**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/37/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 161, 22.6.2007, p. 60)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE):

"— **32007 L 0034**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/34/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 49)."

([1]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 155, 15.6.2007, p. 49.
([3]) ĠU L 157, 19.6.2007, p. 14.
([4]) ĠU L 161, 22.6.2007, p. 33.
([5]) ĠU L 161, 22.6.2007, p. 60.
([6]) ĠU L 184, 14.7.2007, p. 25.

3. It-test ta' l-adattament (a) tal-punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"fl-Anness II, għandu jiġi miżjud dan li ġej mal-punt 4.2:

'IS għall-Iżlanda

FL għal-Lichtenstein

16 għan-Norveġja'."

4. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 21 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/756/KEE):

"— **32007 L 0035**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/35/KE tat-18 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 157, 19.6.2007, p. 14)."

5. Il-punti li ġejjin għandhom jidħlu wara l-punt 45zq (id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"45zr. **32007 R 0706**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 706/2007 tal- 21 ta' Ġunju 2007 li jistipula, skond id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi, u test armonizzat li jkejjel it-telf minn ċerti sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja (ĠU L 161, 22.6.2007, p. 33).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Fl-Anness I, għandu jiġi miżjud dan li ġej mat-3 parti punt 1.1.1:

'IS għall-Iżlanda

FL għal-Lichtenstein

16 għan-Norveġja'.

45zs. **32007 L 0038**: Id-Direttiva 2007/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 25)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 706/2007 u d-Direttivi 2007/34/KE, 2007/35/EC, 2007/37/KE u 2007/38/KE fil-lingwi Iżlandiżi u Norveġiżi, li se jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fit-2 ta' Frar 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni se tkun ippublikata fis-Sezzjoni u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.